**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. CLAIRE L. STAFRACE ZAMMIT B.A. LL.D.**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Doriette Cuschieri)**

**vs**

**Diana Castillo**

**Kumpilazzjoni Numru:286/2016**

**Illum 31 ta' Jannar 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ **Diana Castillo** detentrici tal-karta tal-identita’ numru 289574(M):

**U akkuzata talli** f’dawn il-gzejjer, **f’Settembru 2014**:

1. Bla hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita jedd li ippretendiet li kellha, gieghlet, bl-awtorita’ taghha nnifsha, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixklet lil xi hadd fil-pussess ta’ hwejgu, jew hattet bini, jew kisret il-mixi tal-ilma jew hadet l-ilma ghaliha, jew b’xi mod, kontra l-ligi, indahlet fi hwejjeg haddiehor;

2. Talli ikkommettiet serq ghad-dannu ta’ Olaf Cassar u Errol Cassar liema serq hu aggravat bil-valur u bil-lok;

3. U aktar talli approprjat ruhha, billi dawret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, s-somma ta’ aktar minn hamest elef euro (€5000) minn haga ta’ haddiehor li giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali datata hdax (11) ta' Gunju elfejn u ghoxrin (2020) fejn inhargu l-Artikoli tal-Ligi li qed jintalab li ghandha tinstab htija u cioe':-

1. Fl-artikoli 85(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 261(c)(e), 267, 269(g), 279(a)(b), 280(1) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 293 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 7, 8, 17, 31, 382A, 383, 384, 385 u 386 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tat-tmienja (8) ta' Gunju elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) fejn l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li dawn il-proceduri ikomplu b'mod sommarju wara li nqraw l-artikoli supra citati;

Rat il-verbal tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru elfejn u dsatax fejn il-parte civile u zewg l-imputata rrinunzja ghal dak li hu rinunzjabbli u ddikjara illi

ma kienx ser jixhed fil-konfront ta' martu. Illi l-parte civile l-iehor Errol Cassar ipprezenta dikjarazzjoni fejn irrinunzja ghal dak kollu li hu rinunzjabbli (Dok. EC1);

Semghet il-provi kollha inkluz it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor fuq allegat ta' mizappropjazzjoni u serq u ragion fattasi da parte tal-imputata Diana Castillo ta' flus li kienu jappartjenu lil zewgha Olaf Cassar u missieru.

Illi bhala xhieda xehdu biss l-ufficjali prosekuturi **ex Spettur Jonathan Ferris** u **l-Ispettur Doriette Cuschieri** li bazikament xehdu fuq l-istqarrija tal-imputata wara li sar rapport mill-parte civile kontriha.

Ikkunsidrat illi gialadarba ma kien hemm l-ebda xhud okulari u dan stante li l-prosekuzzjoni rrinunzjat ghalihom wara li dawn iddikjaraw li jirrinunzjaw, din

il-kawza qatt ma tista' tigi ppruvata oltre' l-grad li trid il-ligi kriminali.

Il-fatt illi forsi kien hemm xi forma ta' ammissjoni ghal certi domandi fl-istqarrija tal-imputata din mhix bizzejjed sabiex l-akkuzi odjerni jigu ppruvati u dan ghaliex dawn it-tip ta' proceduri jigu nstigati fuq kwerela da parti tal-parte civile u mhux mill-pulizija *ex ufficio*.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputata Diana Castillo hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha u tilliberaha minnhom.

---

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**